Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

Data tal-laqgħa: 15 ta’ April 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 12A (3):

Annalise Galea – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:

8 residenti kienu preżenti.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa. Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa.

## 2.1 Introduzzjoni mis-Sindku

2.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għat-tieni laqgħa tal-lokalità tal-Għaxar Leġislatura.

## 2.2 Qari tal-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1

2.2.1 Is-Sindku AM qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1 li saret fit-23 ta' Settembru 2024.

## 2.3 Rapport Finanzjarju 2024

2.3.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2024.

## 2.4 Pjan ta' Ħidma 2025 – 2029

2.4.1 Is-Sindku ta xi tagħrif kemm fuq il-Pjan ta' Ħidma 2025 – 2029.

## 2.5 Rapport Amministrattiv 2024

2.5.1 Is-Sindku ta xi informazzjoni fuq ir-Rapport Amministrattiv 2024. Is-Sindku infurma li kopja sħiħa ta' dawn ir-rapporti jistgħu jiġu aċċessati direttament mill-*website* tal-Kunsill.

## 2.6 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

2.6.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

2.6.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- Il-problema ta' ħmieġ tal-klieb f'diversi toroq – Il-Kunsill se jkun qed jagħmel kampanja ta' għarfien permezz ta' fuljett li se jitqassam fid-djar;
- Il-problema tal-*overspeeding* f'toroq residenzjali;
- L-istat ta' Triq il-Kbira – Is-Sindku infurma li għalkemm kien imwiegħed li ssir minn IM, il-Kunsill dejjem baqa' mingħajr risposta;
- Apparat tal-logħob imkisser fil-bandli – Is-Sindku infurma li ġew ordnati u se jiġu installati fil-ġimgħat li ġejjin;
- Talba biex issir grada qabel ma jibda t-taraġ tal-bandli;
- L-applikazzjoni ta' żvilupp biex isir passaġġ pedonali pubbliku ġewwa l-kumpless tal-Ex-Dolphin li ġiet approvata mill-PA. Is-Sindku infurma li l-Kunsill appella għad-deċiżjoni;
- Talba biex tiġi miżbugħa l-kurduna u jitwaħħlu xi *reflectors* mat-t*raffic island* fi Triq il-Qarċilla għax ma tidhirx;
- Il-ħofra kbira li tħalliet wara li tneħħa arblu Triq il-Ferrovija k/m Vjal il-Bon Pastur – Din se tiġi rranġata minn IM;
- *Community Police* – Appell għal aktar viżibilità; u
- Appell għal aktar komunikazzjoni mill-Kunsill fuq il-*Whatsapp Channel.*

2.6.3 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil dawk preżenti, talli attendew għal-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |